IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2013
COM(2013) 916 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera[1] kienet parti minn pakkett ta' miżuri, magħruf bħala "t-tielet pakkett dwar is-sikurezza marittima", adottat f'Marzu 2009 biex itejjeb il-kompetittività tas-settur, li jibbenefikaw minnu biss dawk l-operaturi li jirrispettaw is-sikurezza marittima u li jżid il-pressjoni fuq is-sidien ta' vapuri bi kwalità inferjuri.

Din id-Direttiva għandha żewġ għanijiet:

(a) li tiżgura li l-Istati Membri, bħala Stati tal-bandiera, iwettqu l-obbligi tagħhom b'mod effettiv u konsistenti, b'mod partikolari billi jagħmlu l-iskema ta' verifika tal-Istat tal-bandiera tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) obbligatorja skont il-liġi tal-UE u jintroduċu ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' maniġment operattiv tal-awtoritajiet marittimi nazzjonali; u

(b) li ttejjeb is-sikurezza u tevita t-tniġġis minn vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, b'mod partikolari billi tiżgura li l-ebda wieħed minnhom ma jkun fuq il-lista s-sewda jew fuq il-lista l-griża tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-kontroll mill-Istat tal-port.

Ir-rekwiżiti imposti fuq l-Istati Membri bħala Stati tal-bandiera, introdotti minn din id-Direttiva huma ppreżentati fit-Taqsima 4 ta' dan ir-rapport, flimkien mal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri għamlu wkoll dikjarazzjoni konġunta, li fiha qablu li jintrabtu bil-konvenzjonijiet internazzjonali li jimponu obbligi fuq l-Istati tal-bandiera u li japplikaw il-kodiċi tal-OMI fl-implimentazzjoni tal-istrumenti obbligatorji tagħha, biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom ir-riżorsi u s-setgħat meħtieġa bħala Stati tal-bandiera biex jassumu l-obbligi internazzjonali tagħhom.

2. TRASPOŻIZZJONI

Għaxar Stati Membri[2] ttrasponew id-Direttiva fil-ħin, jiġifieri sas-17 ta' Ġunju 2011 (l-1 ta' Lulju 2013 fil-każ tal-Kroazja), 11 għamlu dan sal-aħħar tal-2011, filwaqt li l-bqija tal-Istati Membri qabżu l-iskadenza tat-traspożizzjoni b'aktar minn sitt xhur. Għaldaqstant, il-maġġoranza tal-Istati Membri ttrasponewha fil-ħin jew viċin id-data ta' skadenza.

[1] ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132.

[2] BE, DE, DK, ES, FI, HR, MT, NL, RO, SE

3. INPUT GĦAR-RAPPORT

L-Artikolu 9 tad-Direttiva jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li għandu jinkludi fih valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri bħala Stati tal-bandiera.

L-informazzjoni li waslet mingħand 25 Stat Membru tal-UE[3] tikkontribwixxi għal dan ir-rapport.

4. L-ISTATUS U L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI

4.1. L-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 6 fir-rigward tat-trasparenza fit-trasferiment ta' vapur li jtajjar bandiera ta' Stat Membru

L-Artikolu 4 jesiġi li l-Istati Membri jiżguraw li l-vapuri li jtarju l-bandiera tagħhom jikkonformaw mar-regoli u r-regolamenti internazzjonali applikabbli. Jistabbilixxi wkoll verifiki bażiċi tas-sikurezza meta vapur jittrasferixxi minn Stat tal-bandiera għal ieħor u jkun hemm bżonn li l-Istat tal-bandiera li jirċievi l-vapur jingħata fil-pront id-dejta dwar in-nuqqasijiet u informazzjoni marbuta mas-sikurezza. Fil-premessi, il-premessa 6 tirreferi għal dispożizzjonijiet simili dwar it-trasferiment ta' vapuri li ġew irrakkomandati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fiċ-ċirkolari tagħha MSC/Circ.1140/MEPC/Circ. 424 tal-20 ta' Diċembru 2004 dwar it-trasferiment tal-vapuri bejn l-Istati. L-għan huwa li tiżdied it-trasparenza fir-relazzjoni bejn l-Istati tal-bandiera fl-interessi tas-sikurezza marittima.

Fir-rigward tal-vapuri li jtajru bandiera ta' Stat Membru, l-Artikolu 6 jistipula l-informazzjoni minima li għandha tinżamm u li għandha tkun faċilment aċċessibbli. Din tinkludi:

- Id-dettalji tal-vapur;
- Id-dati tal-istħarriġ;
- L-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti (ROs) involuti fiċ-ċertifikazzjoni u fil-klassifikazzjoni;
- L-identifikazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Kontroll mill-Istat tal-Port li tkun spezzjonat il-vapur u d-dati ta' dawn l-ispezzjonijiet;
- L-eżitu ta' dawn l-ispezzjonijiet;
- L-informazzjoni dwar id-diżgrazzji marittimi;

Barra minn hekk, l-Artikolu 4(2) jistipula li kull meta Stat tal-bandiera ieħor jitlob informazzjoni dwar vapur li preċedentement kien itajjar il-bandiera ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jipprovdi minnufih lill-Istat tal-bandiera li jagħmel it-talba, dettalji dwar in-nuqqasijiet pendenti u informazzjoni rilevanti oħra relatata mas-sikurezza. L-Artikolu 6(g) jeżiġi wkoll li l-Istati Membri jżommu reġistru tal-vapuri li fil-passat kienu jtajru l-bandiera tagħhom għal 12-il xahar.

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri għamlu l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 6 disponibbli għall-pubbliku. Anke l-Ungerija, li ma għadx għandha bastimenti merkantili li jbaħħru taħt il-bandiera tagħha, ikkonfermat li l-informazzjoni dwar il-bastimenti li fil-passat kienu jtajru l-bandiera tagħha għadha aċċessibbli għall-pubbliku. Għal 10 Stati Membri, din l-informazzjoni tinsab fuq il-websajt tal-

[3] BE, BG, CY, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LT, LUX, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SL, SK, UK

amministrazzjoni tagħhom u għal xi ftit amministrazzjonijiet (il-Belġju, il-Finlandja u l-Pajjiżi l-Baxxi) fejn din ir-responsabbiltà hija kondiviża ma' aġenzija jew ma' spettorat, l-informazzjoni tinsab fuq il-websajts taż-żewġ organizzazzjonijiet. Tabilħaqq il-Pajjiżi l-Baxxi stipulaw li l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaħdmu f'isimhom għandhom ukoll jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli fuq il-websajts rispettivi tagħhom.

Madankollu, xi ftit amministrazzjonijiet (Ċipru, il-Portugall u l-Isvezja) mhumiex konvinti li hemm bżonn li din id -dejta tkun fuq il-websajts pubbliċi, u fakkru li d-Direttiva tistipula biss li din l-informazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli, u b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeterminaw l-adegwatezza ta' kull talba pubblika għall-informazzjoni.

Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri

Fir-rigward tad-disponibbiltà tal-informazzjoni u għaldaqstant it-trasparenza tal-prestazzjoni tal-vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, is-sitwazzjoni saret aktar ċara minn mindu bdiet tapplika d-Direttiva, b'għadd imdaqqas ta' Stati Membri li tellgħu d-dejta fuq il-websajt(s) amministrattiva(amministrattivi) tagħhom jew tal-inqas ikkonfermaw li tista' tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, jidher li dan l-eżerċizzju inkoraġġixxa valutazzjoni mill-ġdid ta' kemm hu vijabbli li jinżamm reġistru marittimu fil-każ ta' xi Stati Membri,– dan żvilupp sinifikanti.

4.2. Artikolu 7 (il-proċess ta' verifika tal-Istat tal-bandiera)

Permezz tar-Riżoluzzjoni A.946(23), l-OMI approvat it-twaqqif u l-iżvilupp ulterjuri ta' Skema ta' Verifika Volontarja tal-Istati Membri tal-OMI (VIMSAS) f'Diċembru 2004. Ir-Riżoluzzjoni A.974(24) li ġiet adottata f'Diċembru 2005 tistabbilixxi l-qafas u l-proċeduri għall-Iskema. L-għan tagħha huwa li tiddetermina sa liema punt l-Istati Membri tal-OMI qegħdin jimplimentaw u jinfurzaw l-istrumenti obbligatorji applikabbli tal-OMI

Il-verifika ssir minn esperti marittimi ta' livell għoli magħżula minn amministrazzjonijiet marittimi differenti tal-Istati Membri tal-OMI u sseħħ permezz ta' evalwazzjoni bejn il-pari li tinkludi spezzjoni li ddum ġimgħa tal-amministrazzjoni kkonċernata. Ir-rapport finali jenfasizza kull nuqqas ta' konformità jew dgħjufija osservata. Jidentifika wkoll l-aħjar prassi kif ukoll l-oqsma fejn hemm bżonn ta' aktar żvilupp. Hu jinkludi pjan ta' azzjoni korrettiva, li l-amministrazzjoni tkun qablet miegħu, li jindirizza kull dgħjufija identifikata.

Id-Direttiva 2009/21/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex issir verifika mill-OMI tal-amministrazzjoni tagħhom mill-inqas darba kull seba' snin u għandhom jippubblikaw l-eżitu skont il-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti dwar il-kunfidenzjalità.

4.2.1. Talbiet għal verifika volontarja mill-OMI

Għadd ta' Stati Membri kienu fost l-ewwel li talbu u li saritilhom verifika mill-OMI fl-2006, fosthom id-Danimarka, Ċipru, Spanja u r-Renju Unit. Ir-Renju Unit, Franza u Ċipru ħadu sehem fl-iżvilupp ta' VIMSAS billi l-ewwel għaddew minn skrinjar. Id-Danimarka kienet l-ewwel Stat Membru tal-OMI li ġiet uffiċjalment ivverifikata u Ċipru kien it-tieni.

Minbarra l-Portugall, l-Istati tal-bandiera kostali kollha tal-UE saritilhom verifika. Dan huwa kkonfermat permezz ta' ċirkolari riċenti tal-OMI dwar is-suġġett[4]. Barra minn hekk, seba' Stati Membri tal-UE talbu jew beħsiebhom jitolbu biex issirilhom it-tieni verifika.

4.2.2. L-eżitu tal-verifiki

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri kellhom eżitu pożittiv mill-verifika, bi pjan ta' azzjoni korrettiva li kien hemm qbil dwaru għan-nuqqasijiet ta' konformità, l-osservazzjonijiet u d-dgħjufijiet identifikati kollha. Dawn inkludew l-indirizzar tal-bżonn ta' strateġija biex jintlaħqu l-obbligi tal-OMI, l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni, tal-linji gwida u tal-listi ta' kontroll nazzjonali, kif ukoll il-ftehimiet ma' organizzazzjonijiet rikonoxxuti, l-allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi umani u l-forniment ta' evidenza ta' taħriġ. Dawn in-nuqqasijiet ġew indirizzati jew qed jiġu indirizzati permezz ta' pjan ta' azzjoni korrettiva. Xi wħud ikkummentaw li l-mezzi biex tintlaħaq l-azzjoni korrettiva jistgħu ma jkunux disponibbli immedjatament: għaldaqstant, il-Belġju indika li din l-azzjoni qed tittieħed sakemm u safejn l-Istat Federali jkollu s-setgħa li jagħmel dan, għall-Irlanda, il-progress b'rabta mal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-Konvenzjonijiet pendenti jiddependi mill-prijoritajiet leġiżlattivi u mill-iskeda ta' żmien.

Il-verifiki taw l-opportunità lil dawk l-Istati Membri li għaddejjin minnhom biex jidentifikaw oqsma fejn jistgħu jtejbu l-amministrazzjoni tagħhom u biex ifasslu metodi ta' kif jindirizzaw dawn id-dgħjufijiet. B'hekk huma jirrappreżentaw mezz ta' kif jgħollu l-istandards fl-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, liema titjib jista' biss jintlaqa' tajjeb. Billi l-verifika ssir mill-pari, din tista' sservi wkoll ta' esperjenza ta' tagħlim reċiproku għal dawk involuti fil-valutazzjoni tal-verifika, liema tagħlim huma jistgħu mbagħad jaqsmu mal-amministrazzjonijiet tagħhom.

4.2.3. Il-pubblikazzjoni tar-riżultati

Proporzjon kbir tal-Istati Membri għandhom ir-rapport tal-verifika disponibbli fuq il-websajt tal-amministrazzjoni tagħhom. Minkejja dan, xi drabi, ma jkunx daqshekk faċli li jsir aċċess għad-dokument. Għal Stati Membri oħrajn — il-Belġju, Spanja, Franza u l-Irlanda, l-aċċess għar-rapport huwa ristrett, skont il-libertà mogħtija lill-Istati Membri tal-OMI dwar kemm għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku d-dokument, u wkoll skont il-limiti rikonoxxuti fid-Direttiva fir-rigward tar-regoli dwar il-kunfidenzjalità nazzjonali.

Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri

Il-Kummissjoni tħares lejn kull identifikazzjoni tan-nuqqasijiet ta' konformità u tal-osservazzjonijiet bħala mezz li jwassal għal titjib, sabiex l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni aħjar biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom bħala Stati tal-bandiera, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza marittima u tal-ħarsien ambjentali. Wara l-verifika, l-Istati Membri użaw il-pjan ta' azzjoni korrettiva mfassal sabiex itejbu l-ħidma tagħhom bħala Stati tal-bandiera.

Minn dawk l-Istati Membri li għadha ma saritilhomx verifika mill-OMI, il-Portugall biss għandu reġistru attiv. Il-Kummissjoni se ssegwi lill-PT b'mod attiv sabiex jiġi sottoskritt fil-VIMSAS.

[4] Ittra Ċirkolari tal-OMI 3372 tat-3.5.2013

4.3. Artikolu 8: Sistema Ċċertifikata għall-Immaniġġjar tal-Kwalità

L-Artikolu 8(1) jirrikjedi l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni ta' sistema għall-immaniġġjar tal-kwalità għall-partijiet operattivi tal-attivitajiet relatati mal-Istati tal-bandiera fi ħdan l-amministrazzjoni u din għandha tkun fis-seħħ sas-17 ta' Ġunju 2012. Din is-sistema għandha tkun iċċertifikata skont l-istandards internazzjonali.

Il-parti l-kbira tal-amministrazzjonijiet li pprovdew feedback, indikaw li huma kienu għamlu dan, u ħafna minnhom kisbu ċ-ċertifikazzjoni fl-2012. Xi wħud, bħall-Greċja, Spanja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja u r-Renju Unit, enfasizzaw il-fatt li huma diġà kellhom fis-seħħ is-sistemi għall-immaniġġjar tal-kwalità, qabel ma d-Direttiva introduċiet ir-rekwiżit għaċ-ċertifikazzjoni; fil-każ tar-Renju Unit, inżammu ċ-ċertifikati tas-sistema ta' mmaniġġjar tal-kwalità (QMS) preċedenti skont l-ISO 9001 1994 u l-ISO 9001 2001. Oħrajn indikaw li huma kienu kisbu distinzjoni partikolari – il-Belġju indika li kien detentur ta' Ċertifikat tal-Amministrazzjoni Korporattiva tal-Istati tal-Bandiera. Għall-oħrajn, il-proċess kien ta' għajnuna: Il-Polonja indikat li l-uffiċċji marittimi tagħha ġewwa Gydnia u Szczecin kienu kisbu ċ-ċertifikazzjoni fl-2008, bit-tielet uffiċċju ġewwa Słupsk li kiseb iċ-ċertifikazzjoni fl-2009,– l-armonizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tas-sistema għall-immaniġġjar tal-kwalità għall-uffiċċji kollha nkisbu fl-2011.

B'kuntrast ma' dan, ċerti Stati Membri kienu għadhom ma implimentawx dan ir-rekwiżit. Għal xi wħud – Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi u s-Slovenja, iċ-ċertifikazzjoni hija mistennija sal-aħħar tal-2013 jew hija pendenti fil-każ ta' Ċipru, filwaqt li għal oħrajn, din mhijiex tiġi segwita jew minħabba nuqqas ta' persunal u riżorsi tat-teknoloġija tal-informatika (IT) (l-Irlanda), jew minħabba diffikultajiet amministrattivi interni (il-Portugall). Il-Kummissjoni qiegħda ssegwi b'mod attiv l-Istati Membri kkonċernati b'dan ir-rekwiżit. Iċ-ċertifikazzjoni esterna ta' sistema għall-immaniġġjar tal-kwalità tipprovdi mezz ieħor ta' kif jiġi żgurat li l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri bħala Stati tal-bandiera jkunu f'pożizzjoni mhux biss li jipprovdu servizzi ta' kwalità lill-flotta tagħhom iżda wkoll li jeżiġu u jinfurzaw l-ogħla standards ambjentali u ta' sikurezza fuq livell internazzjonali u fuq livell tal-UE. B'mod aktar prattiku, l-Istati Membri kkummentaw li ġaladarba jiġi sodisfatt dan ir-rekwiżit ikun possibbli li jiġi rrazzjonalizzat l-immaniġġjar tal-bnadar, biex b'hekk isir użu aħjar tar-riżorsi umani u xi wħud ikunu jistgħu jiġu assenjati kompiti oħrajn, bħall-ispezzjonijiet mill-Istat tal-port.

Matul il-proċess leġiżlattiv dwar il-proposta ta' Direttiva li tikkonċerna ċerti responsabbiltajiet tal-Istati tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 u l-infurzar tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/21/KE li jikkonċerna s-sistema ċċertifikata għall-immaniġġjar tal-kwalità għandu japplika għal kull attività operattiva relatata mal-Istati tal-bandiera, kemm jekk tkun ibbażata fuq OMI kif ukoll jekk tkun ibbażata fuq Konvenzjonijiet oħrajn. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Kummissjoni, ir-rekwiżit għal sistema ċċertifikata għall-imaniġġjar tal-kwalità japplika għal dawk l-attivitajiet operattivi relatati mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006. Konsegwentament, dan għandu jiġi rifless fl-attivitajiet ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri.

Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri

Dan ir-rekwiżit jipprovdi kontroll indipendenti ieħor tal-kwalità fuq is-sistemi u l-proċeduri użati mill-Istati Membri meta joperaw bħala Stati tal-bandiera. Ġie nnutat titjib konkret. Għal sitt Stati Membri, iċ-ċertifikazzjoni esterna kkonfermat is-sistemi għall-immaniġġjar tal-kwalità li kienu diġà fis-seħħ. Għal bosta Stati Membri ċ-ċertifikazzjoni esterna hija mistennija dalwaqt, filwaqt li għall-Irlanda u l-Portugall din hija kwistjoni pendenti, u l-Kummissjoni se ssegwi attivament l-Istati Membri kkonċernati. Għaldaqstant, iċ-ċertifikazzjoni esterna tal-amministrazzjonijiet marittimi kollha tal-UE għall-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha għadha pendenti u l-Kummissjoni se tieħu azzjoni biex tiżgura li jkun hemm rimedju għal din is-sitwazzjoni.

4.4. Artikolu 8: Il-Lista s-Sewda u l-Lista l-Griża

L-Artikolu 8(2) jesiġi li dawk l-Istati Membri li jidhru fuq il-lista s-sewda jew li għal sentejn konsekuttivi jidhru fuq il-lista l-griża kif ippubblikati fl-aktar rapport annwali riċenti tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istati tal-Port (PMoU) għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera tagħhom, li jidentifika u janalizza r-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' konformità li wasslet għad-detenzjonijiet u n-nuqqasijiet li wasslu biex il-pajjiż ikun fuq il-lista s-sewda jew il-lista l-griża. Jiġi ddeterminat jekk Stat Membru jkunx fuq il-lista s-sewda jew fuq il-lista l-griża abbażi tal-istatistiċi għall-vapuri ta' kull Stat tal-bandiera fuq perjodu kontinwu ta' tliet snin. Għaldaqstant, ir-rapport tal-PMoU għall-2013 jiddeskrivi fid-dettall ir-riżultati li kienet ikkalkulata l-medja tagħhom għal kull Stat tal-bandiera għall-perjodu 2010-2012.

Bħalissa hemm żewġ Stati li qegħdin elenkati fil-lista l-griża: il-Bulgarija u s-Slovakkja. Iż-żewġ Stati Membri kkonċernati pprovdew analiżi tar-raġunijiet għaliex għadhom esklużi mil-Lista l-Bajda tal-pajjiżi tal-PMoU. Fiż-żewġ każijiet, mill-2007 'l hawn, l-għadd ta' bastimenti li jtajru dawn il-bnadar naqas b'mod sinifikanti: fil-każ tal-Bulgarija b'aktar minn 2/3. Is-Slovakkja ddeċidiet li ma ġġeddidx iċ-ċertifikati tal-vapuri tat-tbaħħir irreġistrati tagħha wara l-1 ta’ Novembru 2012.

Fil-każ tal-Bulgarija, għalkemm il-flotta globali ċkienet, il-vapuri rreġistrati għall-ewwel darba huma saħansitra aktar qodma minn dawk li diġà huma rreġistrati u b'hekk żdiedet l-età medja tal-flotta. L-ogħla għadd ta’ nuqqasijiet fil-flotta jirrifletti din iż-żieda fl-età medja, minkejja ż-żieda fl-ispezzjonijiet ta' kull vapur mill-Istati tal-Bandiera. Il-Bulgarija issa fasslet lista ta’ seba’ azzjonijiet biex tirrimedja s-sitwazzjoni.

L-Istati Membri indikaw l-aħjar prattiki li ġejjin li jistgħu jiġu implimentati sabiex pajjiż jiġi elenkat fil-Lista l-bajda:

– L-ispezzjonijiet mill-Istati tal-Bandiera jqisu l-kriterji tal-PMoU meta jissorveljaw il-bastimenti li jtarju l-bandiera tagħhom;

– Il-vapuri ma jiġux irreġistrati jekk fis-sentejn ta' qabel ikunu nżammu aktar minn tliet darbiet mill-Istati Membri tal-MoU ta' Pariġi jew ta' Tokjo, jew mill-Gwardakosta tal-Istati Uniti;

– Il-vapuri li jinżammu jeħtieġ li jirrapportaw lill-Ministeru jew lil Organizzazzjoni Rikonoxxuta u jirċievu żjara speċjali, spezzjonijiet u verifiki addizzjonali;

– L-operaturi ta' bastimenti li għandhom nuqqasijiet huma meħtieġa jagħtu rendikont lill-awtoritajiet kompetenti dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità tagħhom;

– L-ispezzjonijiet immirati ta' bastimenti li jtarju l-bandiera tagħhom stess meta jidħlu f'port ta' Stat tal-bandiera;

– Il-vapuri iżgħar fid-daqs huma mħeġġa li jagħmlu stħarriġ mhux statutorju.

B'mod ġenerali kien hemm titjib sinifikanti fil-vapuri li jtajru l-bandieri tal-Istati Membri tal-UE fil-perjodu ta' qabel u ta' wara l-introduzzjoni tad-Direttiva. Fil-***lista l-Griża*** tal-PMOU tal-Istati tal-bandiera matul dawn l-aħħar erba' snin, l-għadd ta' Stati Membri u ta' pajjiżi kandidati kkonċernati naqas minn sitta għal kif qegħdin bħalissa żewġ Stati Membri, filwaqt li ma hemm l-ebda Stat Membru fuq il-***lista s-Sewda***.

Fit-tfassil tal-lista s-sewda, tal-lista l-griża u tal-lista l-bajda, hemm diffikultajiet involuti għall-Istati bi flotot żgħar meta jiġi stabbilit metodu aċċettabbli li bih tista' titqabbel il-prestazzjoni tal-flotot. Għal raġunijiet ta' statistika, għal Stati bħal dawn, riżultat fjakk wieħed tal-kontrolli minn Stat tal-port jista' jkollu effett negattiv sproporzjonat fuq il-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera – peress li d-daqs tal-flotta huwa żgħir, ir-riżultati tajbin f'postijiet oħra ma jistgħux ipattu għar-riżultat fjakk, peress li hemm inqas vapuri x'jiġu spezzjonati. Tabilħaqq, il-Premessa 15 tad-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll tal-Istat tal-port tirrikonoxxi dawn id-diffikultajiet; madankollu sa issa l-ebda Stat Membru għadu ma identifika mezz ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni li huwa aċċettabbli għal kulħadd u li huwa komparabbli fost id-diversi entitajiet tal-Kontroll mill-Istat tal-port. Il-PMoU waqqaf Task Force (TF 31) sabiex jiġu investigati l-kwistjonijiet tal-implimentazzjoni tar-Reġim il-Ġdid tal-Ispezzjoni tal-Kontroll mill-Istat tal-port attwali, filwaqt li fi ħdan l-UE ġie stabbilit grupp parallel li, fost oħrajn, se jindirizza wkoll din il-kwistjoni.

Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Istati Membri

Għall-perjodu finali rrapportat fl-2013, jiġifieri l-perjodu 2010-2012, mis-seba' Stati Membri jew pajjiżi kandidati oriġinali (AT, LT, LV, PL u SK, flimkien mal-BG u RO) li ġew identifikati li għandhom fuq ir-reġistru tagħhom għadd sinifikanti ta' vapuri li mhumiex konformi, l-ebda wieħed minnhom ma għadu jinsab fuq il-lista s-sewda u huma tnejn biss li għadhom fuq il-lista l-griża. Dan huwa progress konsiderevoli li jħeġġeġ lill-Istati Membri jagħrfu kemm hu importanti li l-bastimenti li jtarju l-bandiera tagħhom ikunu konformi u jaġixxu biex jiżguraw din il-konformità. Tabilħaqq sitta mill-10 Stati tal-bandiera li jinsabu fil-quċċata tal-lista l-bajda l-aktar riċenti huma Stati Membri tal-UE, bi 15-il pajjiż li jinsabu fost it-30 Stat tal-bandiera fil-quċċata. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-progress taż-żewġ Stati Membri tal-UE li għadhom fuq il-lista l-griża.

4.5. Ir-Ratifika tal-Konvenzjonijiet Internazzjonali

Fid-9 ta' Diċembru 2008, l-Istati Membri kollha għamlu dikjarazzjoni, li permezz tagħha impenjaw ruħhom li jesprimu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012, il-kunsens tagħhom li jintrabtu b'għadd speċifiku ta' Konvenzjonijiet Internazzjonali, kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-rapport. L-Istati Membri impenjaw ruħhom bl-istess

mod biex jesprimu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2013, il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Najrobi dwar it-Tneħħija tan-Nawfragi tal-2007, jew fil-każ ta' pajjiżi mingħajr kosta, li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom ikollhom ċertifikat maħruġ minn Parti għall-Konvenzjoni.

Permezz ta' nota tad-29 ta' Novembru 2010, li ċċirkolat mal-Kunsill, il-Kummissjoni fakkret lill-Istati Membri dwar l-impenn preċedenti tagħhom, filwaqt li semmiet lil dawk l-Istati Membri li għad iridu jirratifikaw ċerti Konvenzjonijiet Internazzjonali u talbet lill-Ministri biex fi żmien xieraq iwettqu l-impenni li daħlu għalihom l-Istati Membri. Is-sitwazzjoni fir-rigward tar-ratifika tal-konvenzjonijiet internazzjonali minn kull Stat Membru fl-2010 u fl-2013 hija murija fit-Tabelli 1 u 2, rispettivament, tal-Anness.

Flimkien mal-Konvenzjonijiet, li oriġinarjament l-Istati Membri daħlu għalihom biex jirratifikaw fid-dikjarazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni fittxet informazzjoni dwar ir-ratifika tal-Konvenzjoni HNS[5] tal-1996 u l-Protokoll tagħha tal-2010, kif ukoll il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC) tal-ILO tal-2006, li elementi tagħhom iddaħħlu fil-liġi tal-UE permezz tad-Direttiva 2009/13/KE[6]. Dawn huma riflessi wkoll fit-Tabelli 1 u 2 fl-Anness.

Fl-aħħar nett, Stati Membri individwali għamlu referenza għall-pożizzjoni li ħadu huma fir-rigward ta' Konvenzjonijiet oħrajn, bħall-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-ġarr bil-baħar ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom tal-2002, il-Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra tal-2001 u l-Konvenzjoni ta' Ħong Kong dwar ir-Riċiklaġġ tal-Vapuri tal-2009.

L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

B'mod ġenerali, l-Istati Membri wettqu l-impenn li daħlu għalih, dak li jagħtu l-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Konvenzjonijiet li jinsabu fid-dikjarazzjoni tagħhom, u huma biss żewġ Stati Membri mingħajr kosta li ma jidhrux li qed jieħdu miżuri attivi biex jirratifikaw il-Protokolli ta' ċerti Konvenzjonijiet (SOLAS, il-Linji tat-Tagħbija) li jmorru lura sal-1988. Ta' min wieħed jinnota li fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Najrobi dwar it-Tneħħija tan-Nawfragi tal-2007, mis-sitwazzjoni tal-2010 fejn l-ebda Stat Membru ma kien irratifikaha, issa hemm tliet Stati Membri li rratifikawha u 12-il Stat Membru qegħdin fil-proċess biex jagħmlu dan. Qed jiġri l-istess fil-każ tal-Konvenzjoni HNS tal-1996 u l-Protokoll tagħha tal-2010 fejn erba' Stati Membri rratifikawha u 12-il Stat Membru qegħdin jieħdu l-miżuri biex jagħmlu dan. Iż-żieda fir-ratifiki u fil-preparazzjonijiet għar-ratifika hija żvilupp pożittiv, għalkemm l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu li l-iskadenzi li ntrabtu magħhom fl-2009 issa għaddew u għalhekk għandhom jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex iwettqu d-dikjarazzjoni tagħhom. Jista' jkun meħtieġ inċentiv biex huma jagħmlu dan u l-Kummissjoni tfakkar li meta rrevediet l-aħħar id-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-Port, hi kienet ippproponiet mekkaniżmu, li eventwalment ma kienx ġie meqjus mil-leġiżlatur.

[5] Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbilità u l-Kumpens għal-Danni li għandhom x'jaqsmu mat-Trasport ta' Sustanzi Perikoluži u Velenuži bil-baħar

[6] Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009 li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE

Fir-rigward tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006, din diġà ġiet irratifikata minn 14-il Stat Membru u l-Istati Membri li fadal huma mistennija li jagħmlu dan dalwaqt. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sistemi għall-immaniġġjar tal-kwalità, li japplikaw għal kull attività operattiva relatata mal-Istat tal-bandiera, se japplikaw ukoll għall-Konvenzjonijiet li mhumiex tal-IMO, bħall-MLC, u għaldaqstant ir-ratifika tal-MLC mill-Istat Membru hija saħansitra aktar importanti. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva 2009/13/KE li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, tiġi infurzata kif xieraq, se tiġi adottata dalwaqt Direttiva li tikkonċerna ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006 u l-infurzar tagħha, sabiex jiġi żgurat li l-vapuri li jtajru l-bnadar tal-Istati Membri tal-UE jikkonformaw ma' dawk il-partijiet tal-MLC li ġew implimentati permezz tad-Direttiva 2009/13/KE.

Il-Kummissjoni beħsiebha tkun aktar attiva fuq livell internazzjonali fl-organizzazzjonijiet marittimi rilevanti li fihom jiġu amministrati dawn il-Konvenzjonijiet.

5. IL-VALUTAZZJONI ĠENERALI TAL-PRESTAZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI BĦALA STATI TAL-BANDIERA

Ir-rekwiżit tad-Direttiva għal informazzjoni li tkun faċilment aċċessibbli u għal trasparenza tad-dejta dwar il-prestazzjoni ta' vapuri li jtajru l-bnadar tal-Istati Membri huwa applikat b'mod ġenerali u jista' jgħin fl-iffaċilitar tat-trasferiment tal-vapuri minn reġistru għal ieħor. Bis-saħħa t'hekk, kull dgħjufija potenzjali fil-flotta hija esposta b'mod aktar faċli u jiġi identifikat il-bżonn għal azzjoni korrettiva.

F'dak li jirrigwarda l-verifika tal-Istat tal-bandiera tal-OMI, billi jagħmlu r-rapport disponibbli għall-pubbliku, l-Istati Membri jkunu aktar onesti dwar il-punti pożittivi u n-nuqqasijiet tagħhom u l-mezzi ta' kif jistgħu jindirizzaw dawn tal-aħħar. Huma jsiru aktar pubblikament responsabbli u jistgħu jkollhom każ internament biex jiksbu l-mezzi ta' kif jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas ħalli jkunu jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

Ir-rekwiżit għal Sistema Ċċertifikata għall-Immaniġġjar tal-Kwalità wkoll jista' jipprovdi opportunità għar-razzjonalizzazzjoni tal-immaniġġjar tal-bnadar u għal użu aħjar tar-riżorsi umani.

L-eliminazzjoni gradwali tal-Istati Membri tal-UE mil-lista s-Sewda u l-lista l-Griża tal-MoU ta' Pariġi mill-2007 'il quddiem hija sinjal li l-amministrazzjonijiet marittimi qegħdin jieħdu r-responsabbiltajiet tagħhom bis-serjetà, tant hu hekk li fil-każ taż-żewġ Stati Membri li għadhom fuq dawn il-listi, wieħed ma għadx għandu bastimenti tat-tbaħħir inklużi fir-reġistru tiegħu.

Fir-rigward tal-konvenzjonijiet marittimi internazzjonali, l-Istati kostali wrew li huma qegħdin jirsistu biex jirratifikaw, minkejja li l-iskadenzi ddikjarati tagħhom għall-adeżjoni ma' konvenzjonijiet speċifiċi ma ġewx irrispettati f'kull każ. Dan huwa importanti biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-seħħ kmieni ta' dawn l-istrumenti u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-kwistjonijiet marittimi fuq livell globali. Huwa wkoll sinjal ta' impenn għall-għanijiet tal-konvenzjonijiet u jiżgura li l-Istati tal-bandiera tal-UE jżommu standard għoli f'kull żona koperta mill-konvenzjonijiet.

6. KONKLUŻJONI

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bħalissa jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2009/21/KE u l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li dan il-livell ta' impenn jinżamm u jinkiseb aktar progress.

Tabilħaqq, livell għoli kontinwu ta' prestazzjoni issa huwa aktar neċessarju, bid-dħul fis-seħħ fl-20 ta' Awwissu 2013 ta' regoli importanti ġodda fil-qasam tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-baħħara, permezz tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006 (MLC) u d-Direttiva 2009/13/KE, li tinkludi elementi sostanzjali tal-MLC. Ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Istati tal-Bandiera tal-UE f'dak li jirrigwarda l-ivverifikar tal-konformità mal-kundizzjonijiet minimi tal-għajxien u tax-xogħol tal-baħħara se jiġu estiżi b'mod sinifikanti bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/13/KE.

Barra minn hekk, ir-rwol tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti u ta' kull organizzazzjoni oħra li l-Istati tal-Bandiera jiddelegawlha rwol ta' spezzjoni fiż-żoni tal-MLC u tad-Direttiva 2009/13/KE se jkollu jiġi vvalut mill-qrib mill-Istati tal-Bandiera tal-UE. L-għarfien ta' dik l-organizzazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet speċifiċi se jkun ta' importanza prinċipali għal infurzar adegwat, raġuni oħra għalfejn għandu jiġi żgurat li s-sistemi tal-immaniġġjar tal-kwalità applikabbli jkopru wkoll dawn ir-responsabbiltajiet ġodda tal-Istati tal-bandiera.

Meta ġiet adottata d-Direttiva 2009/21/KE, il-Kummissjoni ddispjaċiha li l-proposta oriġinali tagħha[7] għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Istati tal-bandiera ma kinitx ġiet adottata mill-Istati Membri. Jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jeħtieġu hekk fil-futur, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-merti li tipproponi aktar miżuri biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkomplu jwettqu l-obbligi tagħhom b'mod effettiv u konsistenti bħala Stati tal-bandiera. B'dan f'moħħha, il-Kummissjoni għalhekk tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ikomplu l-ħidma tagħhom f'konformità sħiħa mad-Direttiva attwali.

[7] COM(2005) 586 finali, 23.11.2005

Anness

Tabella 1

L-istatus tar-ratifika mill-Istati Membri tal-Konvenzjonijiet rilevanti tal-OMI fit-30 ta' Settembru 2010

(Sors : Id-Dokument tal-Kunsill ref 15978/1/10 Rev 1 tad-29 ta' Novembru 2010)

	SOLAS Convention 74	SOLAS Protocol 78	SOLAS Protocol 88	MARPOL 73/78 (Annex I/II)	MARPOL 73/78 (Annex III)	MARPOL 73/78 (Annex IV)	MARPOL 73/78 (Annex V)	MARPOL Protocol 97 (Annex VI)	STCW Convention 78	LOAD LINES Convention 66	LOAD LINES Protocol 88	TONNAGE Convention 69	COLREG Convention 72	CLC Protocol 92	FUND Protocol 92	FUND Protocol 2003	LLMC Convention 76	LLMC Protocol 96	BUNKERS CONVENTION 01	NAIROBI WRC 2007	HNS Convention 96	HNS Protocol 2010	Maritime Labour Convention 2006	
Coastal States (23)																								Total (23)
Belgium	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x						18
Bulgaria	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x	x	x					x	18
Croatia *	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x					x	19
Cyprus	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x			x	x						17
Denmark	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x					18
Estonia	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x					17
Finland	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x					18
France	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x						17
Germany	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x					18
Greece	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x					18
Ireland	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x					17
Italy	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x								16
Latvia	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x					18
Lithuania	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x					18
Malta	x	x	x	x	x		x		x	x	x	x	x	x	x			x	x					15
Netherlands	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x							16
Poland	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x					17
Portugal	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x								16
Romania	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x			x	x	x					16
Slovenia	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x			x					17
Spain	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x				x	19
Sweden	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x						17
United Kingdom	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x					18
Sub-total (23)	23	23	23	23	23	22	23	22	23	23	23	23	23	23	22	19		16	17	0	0	0	3	
Landlocked countries (5)																								
Austria	x	x		x	x	x	x		x	x		x	x											10
Czech Republic	x	x		x	x	x	x		x	x		x	x											10
Hungary	x	x		x	x	x	x		x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x					16
Luxembourg	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x	x	x					17
Slovakia	x	x	x	x	x	x	x		x	x	x	x	x											12
Sub-total (5)	5	5	2	5	5	5	5	1	5	5	3	5	5	2	2	1		2	2	0	0	0	0	
Total (28)	28	28	25	28	28	27	28	23	28	28	26	28	28	25	24	20		18	19	0	0	0	3	

*L-inklużjoni tal-Kroazja (pajjiż kandidat) kif ukoll il-Konvenzjoni HNS tal-1996 u l-Protokoll tal-2010 flimkien mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006 biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil mat-Tabella 2.

Tabella 2

L-istatus tar-ratifika mill-Istati Membri tal-Konvenzjonijiet Internazzjonali relevanti tal-OMI u tal-ILO

(Sors : (L-OMI, l-istatus tal-Konvenzjonijiet sat-30/6/2013 u ILO, l-istatus tal-Konvenzjoni tal-MLC sat-30/6/2013)

	SOLAS Convention 74	SOLAS Protocol 78	SOLAS Protocol 88	MARPOL 73/78 (Annex I/II)	MARPOL 73/78 (Annex III)	MARPOL 73/78 (Annex IV)	MARPOL 73/78 (Annex V)	MARPOL Protocol 97 (Annex VI)	STCW Convention 78	LOAD LINES Convention 66	LOAD LINES Protocol 88	TONNAGE Convention 69	COLREG Convention 72	CLC Protocol 92	FUND Protocol 92	FUND Protocol 2003	LLMC Convention 76	LLMC Protocol 96	BUNKERS CONVENTION 01	NAIROBI WRC 2007	HNS Convention 96	HNS Protocol 2010	Maritime Labour Convention (MLC)	Total (23)
Coastal States (23)																								
Belgium	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x					18
Bulgaria	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x	x	x	x			x	20
Croatia	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				x	20
Cyprus	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x	x	x		x		x	20
Denmark	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x				x	20
Estonia	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x					19
Finland	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x				x	20
France	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				x	20
Germany	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x	x			x	20
Greece	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				x	20
Ireland	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x					19
Italy	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x	x					17
Latvia	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				x	20
Lithuania	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x			20
Malta	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x			x	x				x	18
Netherlands	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x				x	20
Poland	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x				x	20
Portugal	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x								16
Romania	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x			x	x	x					17
Slovenia	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x			x		x			18
Spain	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x				x	19
Sweden	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x				x	19
United Kingdom	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	d	x	x	x				19
Sub-total (23)	23	23	23	23	23	23	23	23	23	23	23	23	23	23	22	19		21	22	3	3	0	14	
Landlocked countries (5)																								
Austria	x	x		x	x	x	x		x	x		x	x											10
Czech Republic	x	x		x	x	x	x		x	x		x	x											10
Hungary	x	x		x	x	x	x		x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x			18
Luxembourg	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x		x	x	x				x	19
Slovakia	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x	x											13
Sub-total (5)	5	5	2	5	5	5	5	2	5	5	3	5	5	2	2	1		2	2	0	1	0	1	
Total (28)	28	28	25	28	28	28	28	25	28	28	26	28	28	25	24	20		23	24	3	4	0	14	

Nota: l-inklużjoni tal-Kroazja bħala Stat Membru mill-1 ta' Lulju 2013.